# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nħar it-Tnejn**
**Għoxrin (20) ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru 898/12 FDP**

Fl-ismijiet

**Dr Michael Zammit Maempel bhala mandatarju speċjali tal-assenti Barbara Schrof (Karta tal-Identita Tedeska L9CMTY5PL) u, permezz ta' digriet datat 3 ta' Lulju 2019, Dr Cynthia Galea u Dr Jeanelle Cachia assumew l-atti bħala mandatarji flok Dr Michael Zammit Maempel**

**Vs**

**Kunsill Lokali Mosta**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Settembru 2012, li permezz tiegħu r-rikorrent *nominee* talbu s-segwenti:

   1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jiddikkjara illi huwa l-mandatarju speċjali tal-assenti minn Malta, Barbara Schrof illi ordinarjament tgħix u hija ċittadina tal-Ġermanja; u dana permezz tal-prokura annessa u mmarkata bħala Dok. MZM.1;*

   2. *Illi fl-1 ta' Diċembru, 2009 f'xi ħin bejn l-10.30am u l-10:45am, seħħ inċident fiż-żona ta' parkeġġ maġenb iċ-Ċentru Ċiviku tal-Mosta, fi Triq il-Kostituzzjoni kantuniera ma' Pjazza Rotunda fil-Mosta, meta Barbara Schrof*

*waqgħet u weġġgħet sieqha x-xellugija f'ħofra fonda u skabruża illi tħalliet mikxufa u mingħajr għatu fil-parkeġġ in kwistjoni - u dana bħalma jirriżulta mir-rapport tal-Pulizija anness u mmarkat bħala Dok. MZM.2;*

3. *Illi ż-żona ta' parkeġġ imsemmija hija amministrata mill-Kunsill Lokali tal-Mosta, li huwa responsabbli għaż-żamma u manutenzjoni qua bonus paterfamilias taż-żona kollha in kwistjoni;*

4. *Illi in segwitu ta' dan l-inċident, Barbara Schrof soffriet danni kemm 'damnum emergens' kif ukoll 'lucrum cessans', u dana peress illi hija ġarrbet debility permanenti f'sieqha u għadha sal-lum tbagħti l-konsegwenzi ta' dan l-inċident hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi għal dan l-inċident jaħti unikament il-Kunsill Lokali tal-Mosta, u dana stante illi naqas milli jżomm iż-żona in kwistjoni ħielsa mill-periklu, u dana bi traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tal-liġi da parti tiegħu;*

6. *Illi avolja l-Kunsill Lokali tal-Mosta ġie debitament interpellat permezz ta' ittra uffiċċjali datata 24 ta' Novembru, 2011 (Dok MZM.3) sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas tad-danni sofferti mill-imsemmija Barbara Schrof in segwitu ta' dan l-inċident, huwa baqa' inadempjenti, u għalhekk kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikkjara illi għall-inċident illi seħħ fl-1 ta' Diċembru, 2009 fiż-żona ta' parkeġġ maġenb iċ-Ċentru Ċiviku tal-Mosta, fi Triq il-Kostituzzjoni kantuniera ma' Pjazza Rotunda fil-Mosta, u li fih weġġgħet Barbara Schrof kif fuq deskritt jaħti unikament il-Kunsill Lokali Mosta;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti minn Barbara Schrof, kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-Kunsill Lokali Mosta sabiex iħallas lir-rikorrent nomine kull ammont illi jiġi hekk illikwidat u dovut lilu in linea ta' danni;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tal-24 ta' Novembru, 2011, u bl-imgħaxijiet legali skond il-liġi kontra l-Kunsill intimat illi huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-28 ta' Jannar 2016, l-Kunsill intimat Kunsill Lokali Mosta, permezz tas-Sindku Dr Shirley Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv John J Camilleri, ippreżenta l-eċċezzjonijet tiegħu, fejn laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

   1. *Illi preliminarjament t-talbiet ta' l-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha billi l-Kunsill esponenti ma huwiex responsabbli mit-toqba fejn allegatament seħħ l-inċident;*

2. *Illi t-talbiet ta' l-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha billi l-Kunsill esponent ma jaħtix għall-istess;*

3. *Illi t-talbiet ta' l-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha billi hija stess taħti għal dawn id-danni billi l-inċident seħħ nuqqas ta' attenzjoni tagħha;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

## PROVI

3. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2012, il-Qorti appuntat lill-espert Mr Massimo Abela sabiex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi (fol 22).

4. Rat id-dokument eżebit mill-Kunsill intimat fit-3 ta' Diċembru 2012, ossija il-'*Concession Contract for the Operation of the Car Park Site*' maħruġ minn Transport Malta fil-25 ta' Settembru 2012 (fol 26 - 48).

5. Rat illi fis-17 ta' April 2013 il-Qorti appuntat lill-Assistent Ġudizzjarju Dr Yvette Cassar sabiex tisma' x-xhieda tar-rikorrenti u żewġha (fol 51).

6. Rat ix-xhieda ta' **Barbara Schrof** miġbura quddiem l-Assistent Ġudizzjaru Dr Yvette Cassar fl-20 ta' Ġunju 2013, mogħtija fil-lingwa Tedeska u tradotta għall-lingwa Ingliża (fol 57).

7. Rat ix-xhieda ta' **Josef Schrof** miġbura quddiem l-Assistent Ġudizzjaru Dr Yvette Cassar fl-20 ta' Ġunju 2013, mogħtija fil-lingwa Tedeska u tradotta għall-lingwa Ingliża (fol 62).

8. Rat ir-rapport tal-**Orthopaedic and Trauma Surgeon Mr Massimo Abela** appuntat bħala Espert tal-Qorti, liema rapport gie ippreżentat fl-20 ta' Gunju 2013, u fejn ġie stabbilit illi l-livell ta' disabbilta' permanenti kien ta' 24%. (fol 67-73)

9. Rat illi, fuq talba tal-Kunsill Intimat, fid-9 ta' Jannar 2014 gew nominati bħala Periti Perizjuri Mr Charles Grixti, Mr Ray Gatt u Mr Ivan Esposito. (fol 87)

10. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2014 il-Kunsill Lokali Mosta irrinunzja għat-talba għall-ħatra ta' periti Perizjuri, u għalhekk in-nomina magħmula fid-9 ta' Jannar 2014 ġiet revokata.

11. Rat ix-xhieda ta' **Therese Vattem**, persuna illi tat l-ewwel għajnuna lil Barbara Schrof wara l-inċident, mogħtija fit-8 ta' Mejju 2014 (fol 102).

12. Rat ix-xhieda ta' **Marthese Bezzina**, Tourist Giude, li kienet qiegħda tmexxi l-grupp ta' barranin li miegħu kien hemm Barbara Schrof, mogħtija fit-8 ta' Mejju 2014 (fol 104).

13. Rat ix-xhieda ta' **Pio Farrugia**, Assistent Direttur responsabbli mir-Riżorsi Umani u Amministrazzjoni fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2014 (fol 108), li indika illi l-parkeġġ fi Pjazza Rotunda, il-Mosta kien parti mit-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Mosta, u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita.

14. Rat ix-xhieda ta' **John Camilleri**, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, mogħtija fl-14 ta' Novembru 2014 (fol 123), fejn insista illi r-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali tal-Mosta fil-parkeġġ hija limitata biss għaż-żebgħa tal-linji tal-parkeġġ.

15. Rat ix-xhieda tal-**Perit Noel Gauci**, bħala rappreżentant tal-Kamra tan-Nar Santa Marija tal-Mosta, mogħtija fl-14 ta' Novembru 2014 (fol 127), li stqarr illi t-tappiera li fiha waqgħet Barbara Schrof tintuża għall-armar tan-nar pirotekniku tal-art iżda saħaq illi dejjem jingħalqu wara li jintużaw.

16. Rat ix-xhieda ta' **Mario Grixti**, rappreżentant tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, mogħtija fit-28 ta' Mejju 2015 (fol 162) u fl-24 ta' Novembru 2015 (fol 166) li stqarr illi filwaqt li l-amministrazzjoni tal-parkeġġ huwa f'idejn l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, il-manutenzjoni tal-parkeġġ bħala tabelli, żebgħa u sinjali hija responsabblita' tal-"management tat-traffiku". (fol 166)

17. Rat ix-xhieda ta' **Dr Michael Zammit Maempel**, mogħtija fit-3 ta' Frar 2016 (fol 169) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita, ossija korrispondenza skambjata, fuq bażi bla preġudizzju, bejn il-partijiet qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni.

18. Rat illi fit-3 ta' Frar 2016 ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta għajr għall-prospett tad-danni.

19. Rat il-Prospett tad-Danni tar-rikorrenti ippreżentat fis-6 ta' April 2016 (fol 182).

20. Rat il-Prospett dwar Introitu tar-rikorrenti ippreżentat fit-3 ta' Mejju 2016 (fol 210) u t-traduzzjoni tagħhom ippreżentata fit-8 ta' Gunju 2016 (fol 259).

21. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Dr Michael Zammit Maempel, illi saret fit-8 ta' Frar 2017 (fol 365).

22. Rat ix-xhieda ta' **Philip Azzopardi**, impjegat tal-Kunsill Lokali bħala maintenance u messaġġier, mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2017, fejn huwa stqarr illi qatt ma għamel manutenzjoni fil-parkeġġ għax din ma' taqgħax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Mosta.

23. Rat ix-xhieda ta' **John Camilleri**, Segretarju Eżekuttiv, mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2017, li eżebixxa dokumentazzjoni li turi illi hemm senjaletika li tindika ċarament li l-Parkeġġ Pubbliku huwa amministrat minn Transport Malta (fol 377) kif ukoll eżebixxa pjanta dettaljata tal-parkeġġ b'indikazzjoni fejn kienet it-tappiera li fiha waqgħet Barbara Schrof (fol 382).

24. Rat illi fl-24 ta' April 2018, wara illi l-Kunsill intimat naqas milli jressaq il-provi tiegħu għal tlett seduti konsekuttivi, il-Qorti ddikkjarat il-provi tal-Kunsill intimat bħala magħluqa u ħallet il-kawża għas-sottomissjonijet finali.

25. Rat is-sottomissjonjiet tal-abbli difensuri tar-rikorrent ippreżentati fis-27 ta' Lulju 2018.

26. Rat is-sottomissjonjiet tal-abbli difensur ta' l-Kunsill intimat, ippreżentati fis-27 ta' Diċembru 2018.

27. Rat illi fit-3 ta' Lulju 2019, dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ u stiednet id-difesuri sabiex jagħmlu t-trattazzjoni orali tagħhom fis-seduta ta' wara.

28. Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-6 ta' Novembru 2019, wara liema data il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

## Konsiderazzjonijiet – Fatti

29. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi fl-1 ta' Diċembru 2009, ir-rikorrenti Barbara Schrof, ċittadina tal-Ġermanja, kienet ġiet Malta għal btala qasira flimkien mar-raġel tagħha hekk kif kienet fuq 'cruise liner' illi daħal fil-Port il-Kbir dakinhar stess, filgħodu.

30. Jirriżulta illi, bħala parti mill-programm tal-waqfa qasira f'Malta, Barbara Schrof flimkien mar-raġel tagħha kienet ħadet tour flimkien ma' passiġġieri oħra tal-cruise liner, liema tour kien ħadha tara l-Knisja Parrokjali tal-Mosta.

31. Jirriżulta illi hekk kif temmew iż-żjara fil-knisja, s-sinjura Barbara Schrof, flimkien ma' passiġġieri oħra, riedu jmorru fit-toilets illi hemm biswit il-knisja, li huma sitwati ħdejn iċ-Ċentru Ċiviku, u grupp ta' persuni bdew mixjin lejn tali binja, u qasmu il-parkeġġ illi hemm biswit il-Knisja.

32. Jirriżulta illi, mument minnhom, kif kienet miexja Barbara Schrof, kien hemm tappiera li kellha l-għatu tagħha nieqes, u saqajha daħlet bi żball f'tali tappiera, bil-konsegwenza illi hija waqgħet mal-art u kisret saqajha x-xellugija.

33. Jirriżulta illi, riżultat ta' tali inċident, hija kellha ttemm ħesrem il-btala tagħha fuq il-cruise liner, u spiċċat l-Isptar Mater Dei biex tiġi operata.

34. Jirriżulta, madanakollu, illi minħabba fi kwantita' kbira ta' operazzjonijiet pendenti fl-Isptar, hija ma setgħetx tiġi operata minnufih, u għalhekk għażlet illi ssiefer lura lejn pajjiżha u ġiet operata fil-Ġermanja, iżda tali operazzjoni, għalkemm kienet ta' suċċess, ma rnexxietx tfieq il-ksur serju illi kellha fl-għarqub ta' saqajha u partijiet oħra ta' saqajha, u baqgħet tbagħti l-konsegwenzi ta' tali ksur, u għandha bżonn il-krozzi biex tiċċaqlaq u tuża l-'wheelchair' biex tiċċaqlaq barra mid-dar.

35. Jirriżulta illi, għalkemm l-operazzjoni u spejjeż relatati mil-vjaġġ tagħha lura lejn il-Ġermanja kienu koperti mill-assikurazzjoni tal-vjaġġ tagħha, hija irrikorriet spejjeż illi ma kinux koperti mill-assikurazzjoni.

36. Jirriżulta wkoll illi, fil-Ġermanja, qabel l-inċident, hija kienet personalment u waħedha tiġġestixxi Bed & Breakfast illi kienet tikkonsisti fi tlett ikmamar biswit d-dar matrimonjali tagħha, liema ġestjoni, madanakollu, hija kellha tirriduċi l-involviment tagħha fiha wara l-inċident stante illi ma tistax timxi u tieħu ħsieb tnaddaf u tipprepara il-kmamar, ħaġa illi kellu jibda jieħu ħsieb ir-raġel tagħha, li kien għadu kif beda l-ħajja tiegħu ta' pensjonant kif bdew il-btala ġewwa Malta.

**Konsiderazzjonijiet – Responsabbilta'**

37. Jirriżulta illi r-rikorrenti, permezz tal-proċeduri odjerni, tisħaq illi l-Kunsill Lokali tal-Mosta huwa unikament responsabbli għall-inċident tagħha, peress illi naqas milli jieħu ħsieb li t-tappieri fil-parkeġġ ikunu kollha magħluqa.

38. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, l-Kunsill Lokali tal-Mosta jikkontendi illi huwa ma huwiex responsabbli mill-parkeġġ li hemm biswit il-Knisja tal-Mosta, peress illi jikkontendi illi huwa responsabbilta' tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

39. Jirriżulta mhux ikkontestat illi l-parkeġġ jinsab fil-lokalita' tal-Mosta, liema lokalita' taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Mosta.

40. Jirriżulta, skond ir-rappreżentant tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Pio Farrugia, illi l-parkeġġ biswit il-Knisja tal-Mosta, fejn seħħ l-inċident, "*hu parti mit-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali tal-Mosta skond l-Att dwar il-Kunsill Lokali.*" Huwa żied jgħid illi l-parkeġġ huwa responsabbiltà tal-Kunsill Lokali "*sakemm dan il-parkeġġ huwa pubbliku u sakemm ma ttieħdet l-ebda azzjoni mill-Awtorita' tat-Trasport f'Malta skond l-Att illi jidderiġiha biex dan il-parkeġġ ma jibqgħax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill tal-Mosta.*" (fol 108)

41. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi skond ir-rappreżentant tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, Mario Grixti, " *L-awtorita' tat-Trasport f'Malta m'għandhiex awtorita' fuq l-art in diżamina però qed tamministraha tramite l-parkers li tappunta*". Huwa żied jgħid illi "*rigward il-manutenzjoni tal-parkeġġ, din hija responsabbilta' tal-management tat-traffiku fejn jidħlu tabelli, żebgħa u sinjali.*" (fol 166)

42. Jirriżulta illi skond John Camilleri, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, "*ir-refreshing tal-linji tal-parkeġġ hu responsabbilta' tal-Kunsill Lokali tal-Mosta*". Huwa żied jgħid "*L-uniku xogħol illi jaqa' fuq il-Kunsill Lokali tal-Mosta fir-rigward tal-parkeġġ in diżamina hu ż-żebgħa tal-linji.*" (fol 123)

43. Jirriżulta għalhekk, bl-aktar mod ċar, illi l-manutenzjoni taż-żona tal-parkeġġ, jaqa' esklussivament f'idejn il-Kunsill Lokali tal-Mosta, u dana għandu jinkludi mhux

biss il-linji, iżda wkoll illi jiġi assikurat illi huwa fi stat mhux ta' perikolu għan-nies u għall-karozzi.

44. Jirriżulta illi t-tappiera ossija toqba illi fiha waqgħet ir-rikorrenti Barbara Schrof, hija tobqa magħmula sabiex jitqiegħdu l-arbli tal-logħob tan-nar pirotekniku li jittella' fil-festa ta' Santa Marija fil-Mosta, iżda la r-rappreżentant tal-Kunsill Lokali, John Camilleri, u wisq anqas ir-rappreżentat tal-Għaqda tan-Nar ta' Santa Marija, il-Perit Noel Gauci ma jafu kif saru dawn it-toqob – bħal donnu tali toqob saru fl-art b'intervent divin u ħadd ma huwa responsabbli għalihom iżda kulħadd jibbenefika minnhom!

45. Jirriżulta ċar, mir-ritratt eżebit mir-rikorrenti fix-xhieda tagħha a fol 66 tal-proċess, illi, fil-mument tal-inċident, tali tappiera kienet attwalment bla għatu, u jidher ċar, mir-ritratt eżebit minn John Camilleri flimkien mal-pjanta a fol 382, illi tali tappiera suppost għandha għatu magħha illi huwa 'flush' mal-livell tat-triq, liema għatu jidher ċar illi kien nieqes fil-mument illi kienet għaddejja r-rikorrenti Barbara Schrof, bir-riżultat illi wieħed seta' faċilment jaqa' f'tali toqba, bħalma jidher illi ġara sfortunatament lil Barbara Schrof.

46. Jirriżulta illi għalkemm ir-rappreżentanti tal-Kunsill intimat insistew illi r-rikorrenti messha għaddiet minn fuq il-bankina u mhux minn ġewwa l-parkeġġ, xorta jibqa' l-fatt illi kien jinkombi fuq il-Kunsill Lokali Mosta sabiex jassikura illi t-toroq tal-lokalita' tagħha, inkluż it-triq li hemm fil-parkeġġ biswit il-Knsija, ma jkunx ta' perikolu għal nies illi jgħaddu minn ġo fih.

47. Jirriżulta bl-aktar mod ċar illi, fil-każ odjern, il-Kunsill Lokali tal-Mosta naqas milli jassikura illi t-triq ġewwa l-parkeġġ ma kienx ta' perikolu għall-nies illi jgħaddu bir-riġel minn ġo fih, u dan billi ppermetta li titħalla tappiera intiża għall-arbli tal-festa, mikxufa u mingħajr għatu, liema nuqqas wassal sabiex Barbara Schrof taqa' mal-art wara li saqajha daħlet fit-toqba, bil-konsegwenza illi kisret saqajha u soffriet diżabbilta' permanenti, kif ser jingħad aktar il-quddiem.

48. Dana huwa nuqqas attribwibbli unikament lill-Kunsill Lokali tal-Mosta, u għalhekk huwa għandu jirrispondi għall-danni pretiżi mir-rikorrenti Barbara Schrof.

**Konsiderazzjonijiet – Diżabbilta'**

49. Jirriżulta illi, fil-mori tal-kawża, il-Qorti appuntat lill Orthopaedic and Trauma Surgeon, Mr Massimo Abela, sabiex jeżamina lil Barbara Schrof u jivverifika jekk attwalment soffrietx minn diżabbilta' permanenti u, jekk iva, jistabbilixxi kemm.

50. Jirriżulta illi, fil-konklużjonijiet tiegħu, l-abbli espert Mr Abela għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

> *Ms. Barbara Schrof suffered an injury of a grievous nature following her fall on 01/12/2009. She sustained a displaced, intra-articular fracture of the left distal tibia and fibula which required multiple surgical interventions. Although the fractures have united the ankle joint has remained stiff, swollen and painful. An MRI scan reveals changes consistent with damage to the articular surfaces. She has great difficulty walking unaided, is not able to go up and down stairs and is only able to walk short distances with the aid of 2 elbow crutches. When outdoors she resorts to using a wheelchair. Should her symptoms deteriorate further the only surgical option available would be an ankle fusion (Arthrodesis). Although this surgical procedure will invariably render the ankle joint completely immobile, it will alleviate some of the pain.*
>
> *Ms Schrof also claims that she suffered a blunt injury to her knees and that since then she has been complaining of pain mainly localised to the right knee, She had already undergone arthroscopic surgery to the same knee in 2008 (prior to the accident), and a recent arthroscopic examination of the same knee a few months ago (07/02/2013) revealed degenerative changes in the medial compartment (pages 37 and 38 of translated documents). My opinion is that the current complaints are the result of a pre-existing condition affecting the right knee and as such cannot be attributed to the traumatic incident.*
>
> ***In view of the above I rate Ms Barbara Schrof's level of permanent disability at 24% (twenty four percent)***.

51. Din il-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tistrieħx fuq il-konklużjonijiet tal-abbli Espert tagħha, Mr Massimo Abela, u għalhekk tikkonkludi illi d-diżabbilta' permanenti ta' Barbara Schrof riżultat tal-inċident illi ġara fl-1 ta' Diċembru 2009 fil-parkeġġ biswit iċ-Ċentru Ċiviku tal-Mosta huwa ta' **erbgħa u għoxrin fil-mija (24%).**

## Konsiderazzjonijiet – Danni

52. Jirriżulta, mis-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tar-rikorrenti, illi r-rikorrenti qiegħda tippretendi kumpens kemm għal *damnum emergens* kif ukoll għal *lucrum cessans*.

### <u>Damnum Emergens</u>

53. Jirriżulta illi għal dak illi jirrigwarda danni sofferti riżultat tal-inċident, ossija *damnum emergens*, ir-rikorrenti tikkontendi illi r-raġel ħallas €50 lil xi ħadd illi saqu mill-Isptar lejn il-Port u lura lejn l-Isptar (fol 184) – il-Qorti tqis illi tali ħlas huwa wieħed ġustifikat, u għalkemm riċevuta ma hemmx, tifhem l-istat ta' inkwiet li kellu r-raġel ta' Barbara Schrof tenut kont taċ-ċirkostanzi straordinarji ta' dak il-ħin.

54. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent ħallset ukoll is-somma ta' €46.49 bħala mediċini, u ta' dan hija eżebiet riċevuta (fol 185).

55. Jirriżulta, finalment, illi r-rikorrenti tikkontendi illi sofriet danni oħra fl-ammont komplessiv ta' €6,952.49, li għalihom riedet rifużjoni. Dana jidher fil-prospett minnha redatt a fol 192 tal-proċess.

56. Jirriżulta illi f'tali prospett, is-somma ta' €2,092.49 jirrigwardaw spejjeż minnha inkorsi u li tagħhom kellha riċevuti għalihom.

57. Jirriżulta, madanakollu, illi f'tali prospett, il-bilanċ ta' €4,860 huwa kumpens dovut lir-raġel tagħha indikat bħala "*Financial compensation for care & assistance carried out by the husband*". Il-Qorti tosserva illi r-raġel tagħha, bħala żewġha, għandu obbligu illi daħal għalih dakinhar illi żżewwiġha, li jieħu ħsiebha, "*fir-riżq tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa*", u dana ma jista' qatt jingħata valur finanzjarju – ghax huwa imprezzabbli! Huwa għalhekk illi l-Qorti ma tistax taċċetta bħala '*damnum emergens*' kumpens intiż lir-raġel tagħha talli qagħad idur biha meta kellha bżonnu. Di piu, ir-raġel tagħha kien pensjonant u għalhekk ma tilef ebda sieghat tax-xoghol.

58. Għalhekk, bħala '*damnum emergens*', jidher ippruvat illi l-ammont illi għandu jiġi rifuż lir-rikorrenti għandu jammonta għal €2,188.98, ossija **elfejn, mija u disgħa u tmenin Euro (€2,189)**.

## Lucrum Cessans

59. Jirriżulta illi, kif intqal fis-sentenza **Emmeline Cini vs. Antoine Cachia** il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qliegħ ieħor attwali li sofra l-persuna li sofra t-telf. Tali kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant iżda hija regolata minn ċerti prinċipji, għalkemm mhux assoluti.

60. Jirriżulta illi fil-kawża **Paul Debono vs. Malta Drydocks** ġie ritenut illi:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita' fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

- **Entita' tad-dħul**

61. Jirriżulta illi r-rikorrenti tistqarr illi meta seħħ l-inċident, hija kellha tmienja u ħamsin sena (58), u kienet tieħu ħsieb tiġestixxi '*Bed and Breakfast'* li kienet parti mid-dar tagħha.

62. Jirriżulta, minn dokumentazzjoni minnha esebiti, fis-snin bejn is-sena 2006 sas-sena 2011, kif ukoll fis-sena 2014, id-dħul medju tagħha minn tali '*Bed and Breakfast*' kien ta' madwar sittax-il elf Euro fis-sena (€16,000). (vide fol 260 sa 360)

63. Għaldaqstant, il-Qorti ser tikkunsidra d-dħul ta' Barbara Schofl fl-ammont ta' **€16,000** fis-sena.

64. Dwar kunsiderazzjonijet fuq l-għoli tal-ħajja, jirriżulta illi fil-każ '**Stephen Cardona vs John Mary Fenech**' deċiża mill-Prim Awla fid-9 ta' Frar 2012, kien ġie deċiż illi:

> *Il-Qorti qed takkorda ukoll żieda ta' €300 fis-sena, r-relazzjoni mal-awment tal-paga għall-għoli tal-ħajja.*

65. Dina l-Qorti taqbel illi tali ammont ta' **€300 fis-sena** għandu jitqies ukoll għall-għoli tal-ħajja fil-każ odjern.

- **<u>Multiplier</u>**

66. Fil-każ **Joseph Zammit vs. Joseph Bonello**, ġew stabbiliti prinċipji li l-Qorti tħoss li għandha tibbaża fuqhom meta tiġi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal tal-każ odjern:

> *"Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija 'Michael Butler vs Peter Christopher Heard' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għal hekk imsejħa 'multiplier system', li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża 'Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et', (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – 'Savona vs Asphar', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar*

*soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (Francis Sultana vs John Micallef et noe et, Appell, 20.07.1994)."*

67. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe vs. Carmelo Pace** intqal is-segwenti:

> *"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-chances and changes of life.*
>
> ...
>
> *Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."*

68. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, Barbara Schofl kellha tmienja u ħamsin (58) sena meta sofriet l-inċident u, skond ix-xhieda tar-raġel tagħha, Josef Schofl, (fol 64) persuna fil-Ġermanja tieqaf bil-pensjoni fl-eta' ta' ħamsa u sittin sena (65).

69. Jirriżulta illi, fis-sottomissjonijet tar-rikorrenti, il-multiplier minnha pretiż huwa ta' 10 snin, ossija sakemm kien tagħlaq l-eta' ta' tmienja u sittin sena (68).

70. Jirriżulta illi, tenut kont tal-fatt illi r-rikorrenti, kieku impjegata, setgħet tieqaf taħdem ta' ħamsa u sittin sena, huwa aktar ġust u verosimili illi sebgħa (7) snin huwa perjodu ta' żmien kemm reali kif ukoll ġust li għandu jkun applikabbli, u għalhekk il-multiplier għandu jkun ta' **7 snin.**

- **Kalkolu Finali**

71. Ikkunsidrat dawk il-kalkoli u konsiderazzjonijiet kollha kif fuq magħmula, għandu jirriżulta s-segwenti:

    a. L-introjtu ta' Barbara Schrof kien jammonta għal madwar €16,000 fis-sena.
    b. L-għoli tal-ħajja għandu jkun ta' €300 fis-sena.

c. Il-multiplier għandu jkun ta' 7 snin.

72. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ammont li għandu jkun kkunsidrat għall-*lucrum cessans* għandu jkun maħdum fuq il-media tal-introjtu tar-rikorrenti, ossija €16,000, u l-introjtu previst biż-żieda tal-għoli tal-ħajja wara sebgħa snin, ossija fl-ammont ta' €18,100, liema medja hija ta' €17.050[1]

73. Jirriżulta illi l-ammont globali li għandu jiġi kkunsidrat huwa għalhekk ta' €119,350[2]

- **Tnaqqis**

74. Fil-każ **Jos Agius vs All Services Ltd**, dwar tnaqqis minħabba l-fatt li l-ammont ta' danni ser jitħallas f'darba, intqal hekk:

> *"F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (lump sum payment) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konsewetudini tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

75. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva illi dwar tnaqqis in vista tal-ħlas f'daqqa, il-Qorti tosserva illi l-kawża odjerna ilha pendenti għal għaxar snin mid-data tal-incident, illi seħħ fil-2 ta' Diċembru 2009, u għalhekk, bil-kalkolu ta' tnaqqis ta' 2% għal kull sena li ddum il-kawża oltre sentejn, it-tnaqqis għalhekk għandu jkun ta' **4%** biss.

- **Somma Dovuta**

76. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hija: €17,050 x 7 (multiplier) = €119,350 x 24 % dizabbilta' stabbilita = €28,644 naqqas 4% (*lump sum payment* ammontanti għal €1,145.76) = **€27,498.24 (sebgħa u għoxrin elf, erbgħa mija u tmienja u disgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu) – il-Qorti ser tirrotonda tali ammont għal sebgħa u għoxrin elf, u ħames mitt Euro (€27,500) għal finijiet ta' prattiċita'.**

---

[1] (16,000+18,100)/2 = €17,050
[2] €17,050 x 7 = €119,350

77. Mgħaduda ma' tali somma, għandu jitqies ukoll is-somma ta' *damnum emergens*, €2,188.98, ossija **elfejn mija u disgħa u tmenin Euro (€2,189), rotondati għal finijiet prattiċi**.

78. Għalhekk, is-somma total dovuta lir-rikorrenti bħala danni komplessivi hija ta' **disgħa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u tmenin Euro (€29,689).**

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha kif prodotti quddiem dina l-Qorti,

Wara illi rat is-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi dina l-vertenza billi:

**Tiddikjara** l-Kunsill Lokali tal-Mosta unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fiż-żona ta' parkeġġ magenb iċ-Ċentru Ċiviku tal-Mosta, fi Triq il-Kostituzzjoni kantuniera ma' Pjazza Rotuna, Mosta, nhar l-Ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), li fih korriet Barbara Schrof u sofriet diżabbilta' permanenti,

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba dan l-inċident fl-ammont ta' **disgħa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u tmenin Euro (€29,689)**.

**Tikkundanna** lill-Kunsill intimat biex iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' **disgħa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u tmenin Euro (€29,689)** in linea ta' danni minnha sofferti.

**Imgħax** dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** kollha, kif mitluba, kontra l-Kunsill intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**